# IT-TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

## Ġudikatur
**AVV. JULIANA SCERRI FERRANTE**

## Seduta tat-Tlieta, 8 ta' Ġunju 2021

## Talba numru 38/2020

***MANDY CAMILLERI (112678M)***
***VS.***
***DAVID CAMILLERI (94879M)***

**It-Tribunal:**

Ra l-Avviż tat-Talba ippreżentat fid-29 ta' Jannar 2021 li permezz tiegħu l-attriċi esponiet u talbet:

"*Il-konvenut għandu jħallas is-somma ta' tlett elef u tlieta u erbgħin Ewro u sebgħa u erbgħin ċenteżmu (€3,043.47) lill-attriċi a tenur ta' kuntratt ta' separazzjoni in atti tan-Nutar Dr Tonio Cauchi datat 15 ta' Novembru 2011, liema somma tirrappreżenta bilanċ mhux imħallas ta' nofs (50%) tal-ispejjeż ta' edukazzjoni u estrakurrikulari inkluż ir-reviżjoni tal-manteniment skont l-indiċi tal-għoli tal-ħajja bejn l-2012 u l-2017 skont il-prospett hawn anness.*

*Bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet legali minn meta l-ammonti kienu dovuti sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenut li jibqa' minn issa inġunt in subizzjoni.*"

Ra r-Risposta ppreżentata fid-19 ta' Frar 2020 li permezz tagħha ġie eċċepit:

"*1. L-azzjoni hija preskritta bi preskrizzjoni ta' sentejn;*

*2. Bla preġudizzju u fil-mertu, l-ispejjeż reklamati mhux dovuti skont il-ftehim tas-separazzjoni;*

3. *M'hemm ebda manteniment dovut;*

4. *Salv eċċezzjonijiet oħra;*

5. *Bl-ispejjeż.*"

Ra li fl-udjenza tat-30 ta' Novembru 2020 (ara fol. 94), l-attriċi għalqet il-provi tagħha u talbet korrezzjoni *ai termini* tal-Art. 175 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta fir-rigward tal-*quantum*.

Ra li fl-istess udjenza, it-Tribunal iddiferixxa l-kawża għall-provi kollha tal-konvenut u l-għeluq tal-istess bl-intiża ċara li jekk ma jittellgħux xhieda dakinhar, il-kawża titħalla għas-sentenza wara li ssir trattazzjoni finali dakinhar stess.

Ra li fl-udjenza tat-2 ta' Frar 2021 (ara fol. 103), deher l-avukat tal-attriċi iżda l-konvenut, debitament innotifikat, ma deherx, u lanqas deher l-avukat tal-konvenut. It-Tribunal għadda għalhekk sabiex jisma' it-trattazzjoni finali.

Sema' ix-xhieda, qara d-dokumentazzjoni kollha u sema' it-trattazzjoni tal-avukat tal-attriċi; u

Ra li l-kawża tħalliet għas-sentenza għall-4 ta' Mejju 2021.

**<u>Provi ppreżentati</u>**

L-attriċi xehdet in eżami fid-19 ta' Ottubru 2020. Hija kkwotat paragrafu mill-kuntratt u qalet li l-ammont mitlub minnha permezz tal-kawża kien konness ma' dawk l-ispejjeż li skont il-kuntratt kellhom jitħallsu mill-partijiet f'ishma ndaqs. Żiedet tgħid li fl-ewwel tlett snin wara s-separazzjoni l-konvenut kien jikkontribwixxi iżda mbagħad waqaf. Il-problemi bdew għall-ħabta tal-2013 u l-2014. Hija qalet li meta kienet turi r-riċevuti lill-konvenut u saħansitra kienet tavżah minn qabel liema attivitajiet kienu ser jattendu t-tfal, huwa jew ma kienx iwieġeb jew jiċħad li skont il-kuntratt kien obbligat iħallas. Hija għamlet referenza għall-prospett anness mal-Avviż tat-Talba u qalet li dak kien aġġornat sa Settembru 2019 u kkonfermat li kienu kollha ammonti li hija kienet nefqet. Imbagħad, hija qalet li l-ammont relattiv kien ta' tlett elef u tmien mija u erbgħa u ħamsin Ewro (€3,854). Mistoqsija jekk fil-fatt, l-ammont kienx ta' tlett elef u tlieta u erbgħin Ewro (€3,043), l-attriċi reġgħet ikkonfermat l-ammont ta' tlett elef u tmien mija u erbgħa u ħamsin Ewro (€3,854).

Imbagħad, l-attriċi kompliet tispjega li hija kienet ġeneralment tikkomunika mal-konvenut tramite *WhatsApp* u qalet li kienet ser tippreżenta aktar dokumentazzjoni aktar 'il quddiem matul il-kawża. Qalet ukoll li fis-sena 2020, il-konvenut beda jikkontribwixxi ftit iktar iżda xorta ma kkontribwixxiex għal attivitajiet sportivi u estrakurrikulari. Qalet ukoll li l-konvenut ma kienx iwassal lit-tfal għall-attivitajiet tagħhom u għalkemm skont il-kuntratt kellu jarahom darba fil-ġimgħa, kienu jarawh sewwa madwar darba kull xahrejn u matul il-ġimgħa kien imur jarahom għal madwar ħames minuti.

L-attriċi reġgħet xehdet fl-udjenza tat-30 ta' Novembru 2020 u ppreżentat ammont ta' dokumenti li jinkludu ittri bonarji mibgħuta mill-avukat tagħha lill-kontroparti. Iktar tard matul ix-xhieda tagħha, hija kkonfermat li fix-xhieda tagħha fl-udjenza tad-19 ta' Ottubru 2020 kienet semmiet ammont ogħla minn dak indikat fl-Avviż tat-Talba billi hija kienet għamlet *updated Excel sheet* bl-ispejjeż aġġornati li minnha rriżulta li l-konvenut kellu jħallas madwar tmien mitt Ewro oħra minbarra l-ammont indikat fl-Avviż tat-Talba.

F'dan l-istadju, huwa tajjeb wieħed jinnota li l-konvenut ma xehedx u lanqas ressaq xhieda oħra. Il-konvenut lanqas biss ma ppreżenta xi dokumentazzjoni jew xi nota jew xi ħaġa oħra li biha pprovda l-verżjoni tiegħu jew li biha attakka l-verżjoni tal-attriċi. Għalhekk, it-Tribunal għandu quddiemu biss il-verżjoni tal-attriċi.

**Konsiderazzjonijiet tat-Tribunal**

1. ***L-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni***

Permezz tal-ewwel eċċezzjoni, il-konvenut qal li l-azzjoni tinsab preskritta "*bi preskrizzjoni ta' sentejn*". It-Tribunal jirreferi kemm għall-Art. 2111 tal-Kodiċi Ċivili kif ukoll għas-sentenza parzjali tal-Prim' Awla fl-ismijiet ***Stencil Pave (Malta) Limited vs. Dr Maria Deguara noe et*** (Ċitazz. Nru. 1656/2001/1 deċiża parzjalment fit-30 ta' Ottubru 2003) fejn intqal:

> "*Illi minħabba dak li jipprovdi l-artikolu 2111 tal-Kap. 16, il-Qorti hija marbuta li tqis biss il-preskrizzjoni speċifika mressqa mill-imħarrek u ma tistax minn rajha tqis li jezisti terminu preskrittiv ieħor (ukoll jekk dan jezisti), għaliex, jekk isir dan, il-Qorti tkun qegħda tindaħal u "tissupplixxi għall-parti eċċipjenti f'materja odjuża li fiha ma tistax tieħu inizjattiva."*"

Minn hawn jidher ċar li mhux biżżejjed li l-konvenut jgħid li l-azzjoni attriċi hija kolpita bil-preskrizzjoni ta' sentejn. Min jeċċepixxi l-preskrizzjoni għandu tabilfors jiċċita l-artikolu speċifiku tal-liġi li fuqu jsejjes l-eċċezzjoni. Dan l-insenjament huwa mtenni fis-sentenza tal-Prim' Awla fl-ismijiet ***Victor Portelli vs. Mark Psaila*** (deċiża fid-29 ta' Mejju 2003) u jsib l-oriġini tiegħu fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell tal-11 ta' Mejju 1956 fl-ismijiet ***Cali vs. Galea*** (Kollezz. vol. XL.i.166).

It-Tribunal jirreferi anki għas-sentenza tal-Prim' Awla fl-ismijiet ***Maltacom plc ġjà Korporazzjoni Telemalta vs. Salina Co. Limited*** (Ċitazz. Nru. 1791/1999/1 deċiża fit-30 ta' Novembru 2004) fejn ġiet ikkwotata s-sentenza fl-ismijiet ***Donald Manche noe vs. Joseph Said*** (deċiża fit-28 ta' Ġunju 2003 mill-Prim' Awla diversament ippreseduta) li fiha ġie spjegat essenzjalment li min jeċċepixxi l-preskrizzjoni għandu saħansitra jgħid mhux biss liema artikolu jidhirlu li huwa applikabbli, iżda anki s-subartikolu. Il-Prim' Awla terġa' mbagħad tuża l-Art. 2111 tal-Kodiċi Ċivili sabiex tissottolinea li hija ma tistax *ex officio* tfittex hija stess sabiex tara liema parti ta' artikolu msemmi jkun applikabbli għad-difiża mressqa mill-eċċipjenti.

Għalhekk, l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenut qed tiġi miċħuda.

2. ***Id-diskrepanza fl-ammont mitlub mill-attriċi***

Huwa ben ċar li filwaqt li fl-Avviż tat-Talba, l-attriċi talbet li l-konvenut ikun ikkundannat iħallasha sorte ammontanti għal tlett elef u tlieta u erbgħin Ewro u sebgħa u erbgħin ċenteżmu (€3,043.47), hija mbagħad qalet (fix-xhieda tagħha a fol. 21) li fil-fatt, l-ammont li l-konvenut kellu jħallasha kien fil-fatt ta' tlett elef u tmien mija u erbgħa u ħamsin Ewro (€3,854).

It-Tribunal ra li fl-udjenza tat-30 ta' Novembru 2020, l-attriċi argumentat li l-Art. 175 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta jintuża sabiex issir korrezzjoni fl-ammont. Jirriżulta, pero, li l-attriċi hija żbaljata. L-Art. 175 tal-Kap. 12 jippermetti s-sostituzzjoni ta' atti u/jew tibdil fi skritturi sabiex

jissewwew l-iżbalji, iżda l-istess artikolu jkompli jgħid li tali tibdil ikun permess "*sakemm sostituzzjoni jew tibdil bħal dan ma jbiddilx fis-sustanza l-azzjoni jew l-eċċezzjoni fuq il-mertu tal-kawża.*"

Fis-seduta relattiva, il-konvenut u l-avukat tiegħu ma kinux preżenti u għalhekk ma rrispondewx għal dak ivverbalizzat mill-avukat tal-attriċi.

It-Tribunal jinnota li l-proċedura sabiex isir tibdil fl-atti quddiem dan it-Tribunal hija speċifikament ipprovduta fir-Regolament 7 tal-L.S. 380.01. Ir-Regolament 7(1) jgħid li tali talba għandha ssir waqt l-ewwel seduta u jekk il-ġudikant iqis li t-talba hija ġustifikata, għandu, wara li jilqagħha, jara li fl-istess seduta, il-partijiet l-oħrajn ikollhom l-opportunità jitolbu li jsiru kwalsiasi tibdiliet konsegwenzjali li jkun hemm bżonn li jsiru.

F'dan il-każ, jekk wieħed jinjora ż-żewġ seduti fejn ma sar xejn minħabba l-pandemija, it-talba tal-attriċi saret fil-ħames seduta.

Inoltre, jekk wieħed jara kif xehdet l-attriċi (ara fol. 21), huwa ċarissimu li l-attriċi ssorprendiet lill-avukat fis-sens li dan, bir-raġun, ma kienx qiegħed jistenna li l-ammont jogħla. Fil-fatt, huwa saħansitra ħaseb li kienet qed tiżbalja tant li f'punt partikolari, wara li l-attriċi qalet li l-ammont kien "*Three thousand eight hundred fifty-four*", l-avukat staqsieha "*Mhux three zero four three? Jien hawnhekk qed nara three zero four three.*"

Huwa ċar għat-Tribunal li miż-żmien meta l-attriċi marret għand l-avukat tagħha sabiex tissupplixxi l-materjal u l-informazzjoni għall-ftuħ tal-kawża sa dakinhar li xehdet, hija donnha għamlet xi aġġornamenti fin-notamenti tagħha u waslet għal figura ogħla. Bid-dovut rispett, l-attriċi messha ppreparat ruħha sewwa minn qabel u tat l-informazzjoni sħiħa lill-avukat tagħha sabiex l-Avviż tat-Talba jsir kif suppost mill-ewwel, u mhux ikollu bżonn jinbidel f'nofs il-kawża.

Fi kwalunkwe każ, pero, it-Tribunal jenfasizza li hu ser jimxi biss fuq ir-riċevuti pprovduti mill-attriċi sabiex jiddeċiedi, jekk ikun il-każ, kemm għandha tieħu l-attriċi.

Għaldaqstant, it-Tribunal qiegħed jiċħad kull talba għal korrezzjoni fl-ammont u jiddikjara li ser jimxi fuq l-ammont kif indikat fl-Avviż tat-Talba.

### 3. ***Il-mertu***

L-attriċi tirreferi għall-kuntratt ta' separazzjoni fl-atti tan-Nutar Dr Tonio Cauchi datat 15 ta' Novembru 2011, partikolarment għall-klawsola numru 22 (fol. 29 u 30) tal-kuntratt fejn jingħad li spejjeż straordinarji rigward, pereżempju, uniformijiet tal-iskola, kotba, żraben, trasport għall-iskola, miżati tal-edukazzjoni u kontribuzzjonijiet oħra, eżamijiet, lezzjonijiet privati, ħwejjeġ sportivi, mediċini mogħtija minn tabib, servizzi dentali, interventi kirurġiċi u trattament mediku urġenti, jitħallsu mill-partijiet f'ishma ndaqs bejniethom abbażi ta' riċevuti formali.

Billi skont il-kuntratt, il-konvenut huwa obbligat iħallas abbażi ta' riċevuti formali, it-Tribunal ser iqis mhux l-*statement* jew *Excel sheet* ipprovduta mill-attriċi, iżda biss ir-riċevuti. Mhux biżżejjed li wieħed jippreżenta *statement*, anki jekk imbagħad dak l-i*statement* ikun ikkonfermat taħt ġurament. Kieku t-Tribunal kellu jaċċetta l-i*statement* mingħajr riċevuti sabiex isostnuh, ikun qiegħed jinċentiva persuni f'sitwazzjoni simili sabiex jevitaw li jipprovdu r-riċevuti lil marthom jew lil żewġhom u minflok, jiġu quddiem dan it-Tribunal sabiex bis-saħħa ta' *statement* maħluf, forsi anki *statement* vag u nieqes mid-dettal, jiksbu titolu eżekuttiv mingħajr ma jkunu

ssostanzjaw il-pretensjonijiet tagħhom bir-riċevuti, li wara kollox huma mitlubin mill-kuntratt ta' separazzjoni f'dan il-każ.

It-Tribunal sejjer jara, għalhekk, id-dokumenti sitwati minn fol. 35 sa fol. 93 tal-proċess.

1. Ħlas ta' **€75.00** lil Fleur-de-Lys Volleyball Club fir-rigward tal-minuri Shania Camilleri (fol. 35);
2. Ħlas ta' **€35.00** lil Birkirkara Brownies (sħubija) fir-rigward tal-minuri Shania Camilleri (fol. 36);
3. Ħlas ta' **€35.00** lil Birkirkara Brownies (sħubija) fir-rigward tal-minuri Shania Camilleri (fol. 37);
4. Ħlas ta' **€50.00** lill-Fondazzjoni għal Servizzi Edukattivi fir-rigward tal-minuri Shania u Jordan aħwa Camilleri (fol. 38);
5. Ħlas ta' **€22.00** relattivament għal "*Easter Maths Club*" fir-rigward tal-minuri Shania Camilleri (fol. 39);
6. Ħlas ta' **€40.00** lil Birkirkara Brownies (sħubija) fir-rigward tal-minuri Shania Camilleri (fol. 40);
7. Ħlas ta' **€10.00** lis-Soċjetà tad-Duttrina Nisranija (*Museum* Bniet Santa Venera) fir-rigward tal-minuri Shania Camilleri (fol. 41);
8. Ħlas ta' **€39.00** lil Mediterranean Music Limited, liema riċevuta kienet abbinata ma' avviż ta' eżami tat-teorija tal-mużika maħruġ mill-Università ta' West London (fol. 42);

It-Tribunal hawn jinnota li bejn fol. 42 u fol. 43 hemm żewġ karti zgħar mhux innumerati li jindikaw li fl-4 ta' Ottubru 2014 u fis-6 ta' Diċembru 2014 tħallsu **€120.00** (total) fir-rigward ta' "*VT Term 1 Junior*" u fir-rigward ta' "*VB Term 2 – Juniors*".

It-Tribunal sejjer ukoll jiskarta d-dokument a fol. 43 billi dan huwa *invoice* maħruġa minn Vocal Booth Studios li jindika li l-minuri Shania Camilleri attendiet klassi msemmija "*Junior Troupes 1 – Term 3*" għal għaxar sessjonijiet. Pero *invoice* hija talba għall-ħlas, u mhux prova tal-ħlas. Għalhekk dan id-dokument mhux ser jiġi ikkunsidrat.

Bejn fol. 43 u fol. 44, it-Tribunal sab karta żgħira li donnha hija riċevuta (mhux innumerata) datata 24 ta' Settembru 2016 li għandha biċċa minn rokna maqtugħa. Din ser tiġi skartata għax it-Tribunal ma jafx ir-raġuni li għaliha tħallas l-ammont indikat fuqha.

9. Ħlas ta' **€120.00** lil Vocal Booth Studios fir-rigward tal-minuri Shania Camilleri (fol. 44);
10. Ħlas ta' **€36.00** lil Vocal Booth Studios fir-rigward tal-minuri Shania Camilleri (fol. 45);
11. Ħlas ta' **€80.00** lil Vocal Booth Studios fir-rigward tal-minuri Shania Camilleri (fol. 46);
12. Ħlas ta' **€24.00** lil Vocal Booth Studios fir-rigward tal-minuri Shania Camilleri (fol. 47);
13. Ħlas ta' **€24.00** lil Vocal Booth Studios fir-rigward tal-minuri Shania Camilleri (fol. 48);
14. Ħlas ta' **€48.00** lil Vocal Booth Studios fir-rigward tal-minuri Shania Camilleri (fol. 49);
15. Ħlas ta' **€80.00** lil Vocal Booth Studios fir-rigward tal-minuri Shania Camilleri (fol. 50);
16. Ħlas ta' **€36.00** lil Vocal Booth Studios fir-rigward tal-minuri Shania Camilleri (fol. 51);
17. Ħlas ta' **€36.00** lil Vocal Booth Studios fir-rigward tal-minuri Shania Camilleri (fol. 52);
18. Ħlas ta' **€56.00** lil Vocal Booth Studios fir-rigward tal-minuri Shania Camilleri (fol. 53);

Bejn fol. 53 u 54, it-Tribunal sab żewġ karti żgħar datati 7 ta' Ottubru 2017 u 9 ta' Diċembru 2017 li jindikaw l-ammont ta' €80.00 fuq kull karta, u għalhekk total ta' **€160.00**. Huwa evidenti li dawn tħallsu lil Vocal Booth Studios fir-rigward ta' lezzjonijiet tal-kant għall-minuri Shania Camilleri.

19. Ħlas ta' **€48.00** lil Vocal Booth Studios fir-rigward tal-minuri Shania Camilleri (fol. 54);

Id-dokument a fol. 55 qiegħed jiġi skartat billi huwa *invoice* li titlob il-ħlas, u mhux riċevuta attwali ta' ħlas li jkun sar.

20. Ħlas ta' **€36.00** lil Vocal Booth Studios fir-rigward tal-minuri Shania Camilleri (fol. 56);

Id-dokument a fol. 57 qiegħed jiġi skartat billi huwa *invoice* li titlob il-ħlas, u mhux riċevuta attwali ta' ħlas li jkun sar.

21. Ħlas ta' **€36.00** lil Vocal Booth Studios fir-rigward tal-minuri Shania Camilleri (fol. 58);
22. Ħlas ta' **€80.00** lil Vocal Booth Studios fir-rigward tal-minuri Shania Camilleri (fol. 59);
23. Ħlas ta' **€36.00** lil Vocal Booth Studios fir-rigward tal-minuri Shania Camilleri (fol. 60);
24. Ħlas ta' **€50.00** lil Dominic Cini għal "*cover*" fir-rigward tal-minuri Shania Camilleri (fol. 61);

Id-dokument a fol. 62 qiegħed jiġi skartat billi huwa *invoice* li titlob il-ħlas, u mhux riċevuta attwali ta' ħlas li jkun sar.

25. Ħlas ta' **€48.00** lil Vocal Booth Studios fir-rigward tal-minuri Shania Camilleri (fol. 63);
26. Ħlas ta' **€100.00** lil Dominic Cini għal "*2 cover versions*" fir-rigward tal-minuri Shania Camilleri (fol. 64);
27. Ħlas ta' **€72.00** lil Vocal Booth Studios fir-rigward tal-minuri Shania Camilleri (fol. 65);

Il-karta żgħira bejn fol. 65 u fol. 66 m'hix innumerata iżda tindika li tħallsu **€20.00** fir-rigward ta' lezzjoni u kunċert żgħir għall-minuri Shania Camilleri.

28. Ħlas ta' **€24.00** lil Vocal Booth Studios fir-rigward tal-minuri Shania Camilleri (fol. 66);

Id-dokument a fol. 67 qiegħed jiġi skartat billi huwa *invoice* li titlob il-ħlas, u mhux riċevuta attwali ta' ħlas li jkun sar.

29. Ħlas ta' **€36.00** lil Vocal Booth Studios fir-rigward tal-minuri Shania Camilleri (fol. 68);
30. Ħlas ta' **€72.00** lil Vocal Booth Studios fir-rigward tal-minuri Shania Camilleri (fol. 69);
31. Ħlas ta' **€48.00** lil Vocal Booth Studios fir-rigward tal-minuri Shania Camilleri (fol. 70);
32. Ħlas ta' **€36.00** lil Vocal Booth Studios fir-rigward tal-minuri Shania Camilleri (fol. 71);
33. Ħlas ta' **€95.00** lil Vocal Booth Studios fir-rigward tal-minuri Shania Camilleri (fol. 72);
34. Ħlas ta' **€60.00** lil Vocal Booth Studios fir-rigward tal-minuri Shania Camilleri (fol. 73);
35. Ħlas ta' **€60.00** lil Vocal Booth Studios fir-rigward tal-minuri Shania Camilleri (fol. 74);

Id-dokument a fol. 75 qiegħed jiġi skartat billi huwa *invoice* li titlob il-ħlas, u mhux riċevuta attwali ta' ħlas li jkun sar.

Ir-riċevuta (mhux innumerata) bejn fol. 75 u fol. 76 maħruġa minn "*Shoemark*" u datata 8 ta' Ottubru 2013 qed tiġi skartata billi m'hemm ebda sigurtà li l-ammont indikat fuqha ntefaq għall-benefiċċju ta' wlied il-partijiet.

36. Ħlas ta' **€80.00** lil Santa Venera United Youth Nursery fir-rigward tal-minuri Jordan Camilleri (fol. 76);
37. Ħlas ta' **€80.00** lil Santa Venera United Youth Nursery fir-rigward tal-minuri Jordan Camilleri (fol. 77);
38. Ħlas ta' **€250.00** lil Balzan Football Club fir-rigward tal-minuri Jordan Camilleri (paġna mhux innumerata sitwata bejn fol. 77 u 78);
39. Ħlas ta' **€20.00** lill-Malta Table Tennis Association fir-rigward tal-minuri Jordan Camilleri (fol. 78);

40. Ħlas ta' **€35.00** lil Balzan Football Club fir-rigward tal-minuri Jordan Camilleri (fol. 79);
41. Ħlas ta' **€275.00** lil Balzan Football Club fir-rigward tal-minuri Jordan Camilleri (fol. 80);
42. Ħlas ta' **€295.00** lil Balzan Football Club fir-rigward tal-minuri Jordan Camilleri (paġna mhux innumerata sitwata bejn fol. 80 u 81);
43. Ħlas ta' **€25.00** lil Balzan Football Club fir-rigward tal-minuri Jordan Camilleri (fol. 81);
44. Donazzjoni ta' **€180.00** lill-Kulleġġ San Elija f'isem il-minuri Jordan Camilleri (fol. 82);
45. Donazzjoni ta' **€160.00** lill-Kulleġġ San Elija f'isem il-minuri Jordan Camilleri (fol. 83);
46. Donazzjoni ta' **€160.00** lill-Kulleġġ San Elija f'isem il-minuri Jordan Camilleri (fol. 84);
47. Donazzjoni ta' **€170.00** lill-Kulleġġ San Elija f'isem il-minuri Jordan Camilleri (fol. 85);
48. Donazzjoni ta' **€170.00** lill-Kulleġġ San Elija f'isem il-minuri Jordan Camilleri (fol. 85 [billi hemm żewġ paġni bl-istess numru, ċioe fol. 85]);
49. Ħlas ta' **€150.00** lill-Kulleġġ San Elija għall-benefiċċju tal-minuri Jordan Camilleri (fol. 86);
50. Ħlas ta' **€75.00** lill-Kulleġġ San Elija għall-benefiċċju tal-minuri Jordan Camilleri (fol. 87);
51. Donazzjoni ta' **€170.00** lill-Kulleġġ San Elija f'isem il-minuri Jordan Camilleri (fol. 88);
52. Donazzjoni ta' **€175.00** lill-Kulleġġ San Elija f'isem il-minuri Jordan Camilleri (fol. 89);
53. Donazzjoni ta' **€175.00** lill-Kulleġġ San Elija f'isem il-minuri Jordan Camilleri (fol. 90);
54. Ħlas ta' **€78.00** lill-Kulleġġ San Elija għall-benefiċċju tal-minuri Jordan Camilleri (fol. 91);
55. Donazzjoni ta' **€175.00** lill-Kulleġġ San Elija f'isem il-minuri Jordan Camilleri (fol. 92); u
56. Donazzjoni ta' **€170.00** lill-Kulleġġ San Elija f'isem il-minuri Jordan Camilleri (fol. 93).

**It-total imħallas għall-benefiċċju tal-minuri skont ir-riċevuti ppreżentati huwa ta' €5,151.00. Is-sehem tal-konvenut huwa n-nofs ta' din is-somma, jiġifieri €2,575.50.**

Għal skopijiet ta' kompletezza, it-Tribunal itenni li l-konvenut ma ppreżenta ebda provi u kompletament naqas li jikkontradixxi l-verżjoni tal-attriċi u d-dokumentazzjoni ppreżentata minnha.

Għaldaqstant, it-Tribunal sejjer jakkolji t-talbiet tal-attriċi parzjalment u ċioe sakemm huwa ssostanzjat mir-riċevuti relattivi li juru li jkun sar ħlas għall-attwali benefiċċju tal-minuri.

**<u>Deċide</u>**

Għaldaqstant, it-Tribunal, wara li qara l-atti, sema x-xhieda, u qara d-dokumentazzjoni ippreżentata, jaqta' u jiddeċiedi billi jilqa' it-talba tal-attriċi parzjalment u jikkundanna lill-konvenut iħallasha s-somma ta' elfejn u ħames mija u ħamsa u sebgħin Ewro u ħamsin ċenteżmu (€2,575.50) rappreżentanti s-sehem tiegħu mill-ispejjeż minfuqa għall-attivitajiet edukattivi u estrakurrikulari ta' wlied il-partijiet.

It-Tribunal jordna li l-imgħax għandu jiddekorri b'rata mhux ogħla mir-rata massima li tippermetti l-liġi mid-data tal-ftuħ ta' din il-kawża sad-data tal-pagament effettiv.

It-Tribunal jordna li l-ispejjeż kollha tal-kawża jitħallsu mill-konvenut.

**AVV. JULIANA SCERRI FERRANTE**
**B.A., L.P., Mag. Jur. (Int. Law), LL.D.**
**Ġudikatur**